MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2957/2002

***Frank Borda Limited***

***vs***

***Anthony Sammut***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm424.16) rappresentanti kwantu ghal Lm419.16 bhala bilanc fuq kambjalijiet relattivi ghal airconditioner li ma gewx imhallsa u kwantu ghal Lm5 bhala spejjez ta' l-ittra legali.
Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta’ attrici fit-23 ta’ Mejju 2003, li permezz taghha t-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta’ Lm376.16 u dana stante pagament mill-konvenut fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Claudine Zarb ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm376.16), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------